TRIBUNAL INDUSTRIJALI

Interpretazzjoni ta' Decizjoni Nru 277

KAZ NRU 328

Fil-kwistjoni tax-xoghol
bejn
Lucienne Chircop
u
Montreal Co Ltd

dwar tkeccija mill-impieg allegata li hi ngusta

Data: 4 ta' Novembru, 1986

CHAIRMAN: MAJOR STANLEY J.A. CLEWS MBIM, MIPM.

Il-Ministru tax-Xoghol u Servizzi Socjali rrefera lil dan it-Tribunal b'ittra tas-7 ta' Ottubru, 1986, talba tal-Appellant, Miss Lucienne Chircop ghal interpretazzjoni tal-paragrafu 3(iv) tad-Decizjoni Nru 277 iddattata 15 ta' Lulju, 1986.

2. It-Tribunal jidherlu li ghamilha cara f'dan il-paragrafu li s-Sur Thomas Montalto personali ghandu jhallas is-somma ta' LM3,400.

3. Kif gie imsemmi f'paragrafu 2(i) ta' l-istess Decizjoni Nru 277, kien intlahaq ftehim bonarju illi s-Sur Thomas Montalto jhallas din is-somma (jigifieri LM3,400) imma ma kienx hemm ftehim kif ghandha tithallas din is-somma.

4. Pero' iz-zewg partijiet (Miss Lucienne Chircop u s-Sur Thomas Montalto) qablu li joghodu ghad-decizjoni tat-Tribunal ghall mod kif ghandha tithallas is-somma ta' LM3,400 mis-Sur Thomas Montalto.

5. Ghalhekk it-Tribunal jikkonferma d-Decizjoni Nru 277 illi s-somma ta' LM3,400 ghandha tigi mhallsa mis-Sur Thomas Montalto personali, bil-mod kif gie mfisser, jigifieri:-

(a) LM1,400 mad-data tal-Award;

(b) LM1,000 f'Settembru, 1986, u

(c) LM1,000 f'Dicembru, 1986.

6. Peress li s-Sur Montalto ma hallas xejn sa issa, is-somma ta' LM2,400 ghandha tigi mhallsa immediatament.

STANLEY J.A. CLEWS
Chairman

Edward D'Agostino
Segretarju

Data: 4 ta' Novembru, 1986

ja